# Parroċċa Qalb Bla Tebgħa Ta' Marija
# BURMARRAD

Tel: 21573045/ Fax:21578118
www. parroċċaburmarrad.com
email:kappillan@parroccaburmarrad.com

**LEĦEN IL-PARROĊĊA - Jannar 2012 - Nru. 351**

Għeżież,

F'dan l-ewwel xahar tas-Sena 2012, naħseb li lkoll infittxu dak il-waqt biex dak li għandna ġo moħħna nippruvaw inwettquh. Naħseb li bħali taħsbu li x-xewqat li għandna, narawhom jitwettqu matul din is-sena.

Għalhekk mela qed ngħixu, biex filwaqt li nilħqu l-iskopijiet li għandna ġo moħħna, nindunaw meta hu l-waqt u wkoll x'inhu l-aħjar. Mela l-aħjar mod hu li nkunu l-ewwelnett kapaċi li nifthu qalbna u nitkellmu. Meta nitkellmu, aħna nkunu qed nesprimu x-xewqat tagħna u għalhekk inkunu qed niżviluppaw dak li qed naħsbu dwaru. Dan hu l-ewwel ħsieb.

It-tieni ħsieb hu li nafda wkoll f'Dak li jien nemmen fiH. Għalhekk nitolbu sabiex matul din is-sena 2012, il-Missier tagħna tas-Sema jagħtina d-dawl li nifhmu dak li spiss ngħidu fit-Talba tal-Missierna, *'Ikun dak li trid int'*. B'hekk aħna nkunu qed infittxu li nwettquh mhux skond il-moħħ, imma skond il-qalb. Meta ngħixu mal-Mulej, aħna nkomplu nfittxu mhux li nbiddlu imma li nkomplu nibnu, għax inkunu qed nifhmu u naċċettaw dak li ngħidu, 'Ikun li trid int'.

Ħa jkun mela dak li trid Int fil-ħajja tagħna ta' kuljum, fil-ħsibijiet u fil-kliem u fl-egħmil tagħna, fil-familji tagħna u fis-soċjeta'. Marija li żammet kollox f'qalbha tgħinna u timxi magħna, biex b'hekk ix-xewqat u t-tamiet tagħna matul din is-sena, inwettquhom għal glorja ta' Alla u ta' Ommna Marija, u bl-interċessjoni wkoll tal-Beatu l-Papa Gwanni Pawlu 11.

Tkunu mbierkin!

P. Joseph Mamo ofm Conv. -
Kappillan

# Ħsieb Spiritwali

## Il-Beatu Ġwanni Pawlu 11 – *Tfulitu*

Karol Jozef Wojtyla twieled f'Wadowice, il-Polonja, fit-18 ta' Mejju 1920, u kien l-iżgħar minn tlett itfal ta' Karol u Emilia. Oħtu Olga mietet fit-tfulija qabel ma twieled hu. Missieru kien bniedem ta' serjeta' u dixxiplina kbira u ta' karattru morali sod. Kien tilef lil ommu meta kellu biss tmien snin. Kien ħajjat imma kellu jidħol fl-armata Awstrijaka u fil-militar ġie mfaħħar ħafna għad-dixxiplina u l-karattru morali sod li kellu. Fil-fatt ingħata wkoll midalja għall-qlubija. Ommu kienet sensittiva u fraġli f'saħħitha. Fi tfulitha rat erbgħa minn ħutha jomordu u jmutu. Fl-adoloxxenza tilfet lil ommha. Kellhom l-ewwel tifel Edmund fl-ewwel sena taż-żwieġ tagħhom, fl-1906. Edmund kien tifel sabiħ, b'karattru ħelu, b'saħħtu u ntelliġenti ħafna, u fil-fatt laħaq tabib. Mal-mewt tat-tieni wild, Olga, saħħet Emilia bdiet sejra lura.



Karol twieled f'appartament li kien iħares fuq il-Knisja ddedikata lil Madonna, fejn imbagħad meta tfarfar kien iservi ta' abbati. Emilia kienet tħobbu wisq lil binha ż-żgħir. Kienet tgħid lil ġirien li se jsir xi ħaġa mportanti, li se jilħaq saċerdot. Kienet tgħallmu jitlob u flimkien miegħu kienet taqra l-Bibbja. Imma spiss kienet tkun marida u fis-sodda, issofri minn infjammazzjoni tal-qalb u tal-kliewi. Kienet tkun anzjuża, qalbha sewda u kultant silenzjuża. It-tifel kien jaduraha lil ommu żagħżugħa, u qal li kienet *'ir-ruħ tal-familja'*. Imma żied ukoll li kienet *'bieżla imma marradija'*, u għalhekk mhux dejjem kienet tagħtih l-attenzjoni li kien hemm bżonn. Għalhekk kien idur lejn Marija Omm Alla, tant li wara l-mewt ta' ommu issaħħet fih id-devozzjoni lejn il-Verġni Marija.

Wara l-mewt ta' Emilia, meta Karol kellu biss tmien snin, missieru u hu kienu spiċċaw joqogħdu waħidhom u jorqdu fl-istess kamra. Missieru kien igħix ħajja retta u sempliċi, u ħajtu saret talba kontinwa. It-tifel kien jistenbaħ bil-lejl xi kultant u jsib lil missieru għarkobbtejh jitlob.

Qatt ma tkellmu fuq il-vokazzjoni tat-tifel, imma l-eżempju tal-missier kien forma ta' l-ewwel seminarju għal Karol. Il-missier iddedika ħajtu għat-trobbija ta' ibnu….kien iħit, jaħsel, inaddaf, isajjar. It-tifel, minn naħa tiegħu kien grat ħafna lejn missieru. F'nofs in-nhar, wara l-iskola ta' filgħodu, kien imur id-dar jiekol miegħu. Wara nofs in-nhar, kien imur jilgħab il-futboll – kien jieħu gost joqgħod goalkeeper. Imma mbagħad kien ikun id-dar fil-ħin għal homework, l-ikla u mixja ma' missieru. It-talb ma' missieru ma kienx jonqos, u fil-għaxija qabel l-irqad u wara talb kienu joqogħdu jitkellmu fuq dak li jkun ġara dak in-nhar.

Patri Figlewicz, il-kappillan, kien jinnota l-effetti tal-mewt ta' Emilia fuq l-abbati żgħir tiegħu. Imma qal ukoll li kien tifel *'fuq ruħu, intelliġenti u ta' natura ottimista'*. Kien iħobb jiskija fuq il-muntanji u x-xmajjar iffriżati, u fis-sajf jgħum fihom. Il-ħajja kienet sempliċi ħafna, u Karol il-kbir u ż-żgħir kellhom diversi ħbieb fil-knisja li kienu jżuruhom id-dar ukoll.

*Dan l-artiklu huwa l-ewwel wieħed minn sensiela li se jkollna dwar il-Beatu Gwanni Pawlu 11…..…inkomplu xahar ieħor*

# Ġesu Qed Jistennik

**Mil-Ġimgħa 27 sal-Ħadd 29**

**Kwaranturi fil-Parroċċa**

**Ġesu' jkun espost kuljum minn wara l-quddiesa ta' filgħodu sa qabel ir-rużarju fil-5.45pm. Imbagħad ikun hemm rużarju u barka. Il-ħsieb tal-Quddiesa tas-6.15pm isir minn P. Mario Sant ofm Conv.**

# Ħajja u Ħidma -- Jannar 2012

**Il-Ħadd 1** Solennita' tal-Imqaddsa Marija Omm Alla.
Jum il-Paċi.

**It-Tlieta 3** Party għat-tfal tal-Parroċċa fiċ-Ċentru Parrokkjali. Il-ħin huwa mit-3pm sas-6pm.

**Il-Ħamis 5** Se ssir żjara għand is-sorijiet tal-klawsura tal-Birgu. Din hija organiżżata mil-Leġjun ta' Marija. Tluq fid-9.00am minn ħdejn il-Knisja. Min jixtieq jattendi jħalli ismu fis-sagristija.

**Il-Ġimgħa 6** L-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Inġeddu l-konsagrazzjoni tagħna lil Qalb ta' Ġesu'.

**Is-Sibt 7** L-ewwel Sibt tax-xahar. Fil-5.15pm Adorazzjoni b'riparazzjoni għall-offiżi li jsiru lill-Qalb ta' Ġesu' u l-Qalb ta' Marija.

**Mit-Tlieta 10**
**sal-Ħamis 12** Il-Kappillan ikun qiegħed jattendi għall-irtir tal-Kappillani fis-Seminarju tal-Virtu'.

**Il-Ħadd 15** Fl-10.30am laqgħa tal-Grupp Familji Nsara fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**L-Erbgħa 18** Il-41 Sena mit-Twaqqif tal-Parroċċa. Fis-6.15pm, konċelebrazzjoni mill-Komunita'. Il-ħsieb isir minn P. Diegu Theuma ofm Cap. Janima l-Kor tal-Parroċċa Ħlewwa ta' Marija.

**Mil-Ġimgħa 27**
**Sal-Ħadd 29** Kwaranturi fil-Parroċċa. Ġesu' jkun espost kuljum minn wara l-quddiesa ta' filgħodu sa qabel ir-rużarju fil-5.45pm. Imbagħad ikun hemm rużarju u barka. Il-ħsieb tal-Quddiesa tas-6.15pm isir minn P. Mario Sant ofm Conv.

**It-Tlieta 31** Fil-5.15pm Adorazzjoni tal-Ħniena Divina fil-Knisja Parrokkjali.

# IL-WEGĦDA l-KBIRA TAL-QALB TA' ĠESÙ



Fl-ewwel taqsima għedna li meta Ġesù kellem lil Santa Margerita qalilha li l-imħabba tiegħu tkun magħrufa mal-bnedmin kollha u li ħadd ma jintilef.

Kieku xi ħadd jagħmlilna wegħda aħna nemmnuh, mela kemm għandna nemmnu iżjed il- wegħda li għamlilna Ġesù.

Għalkemm l-ikbar wegħda hija li jagħtina l-grazzja tas-salvazzjoni eterna jekk nitqarbnu għal disa' xhur wara xulxin kull l-ewwel ġimgħa tax-xahar. Ġesù tagħna ħdax-il wegħda oħra li Huwa wegħdna mal-WEGĦDA L-KBIRA.

(1) Jiena nagħti lid-devoti tal-Qalb Tiegħi l-grazzji kollha li jinħtiegu għal ħajithom.

(2) Inqiegħed u nżomm is-sliem fil-familji tagħhom.

(3) Infarraġhom fil-hemm tagħhom kollu.

(4) Inkun rahan għalihom fil-ħajja u l-aktar fil-ħin tal-mewt.

(5) Inxerred kotra ta' barka fuq l-għemil tagħhom kollu.

(6) Il-midinbin isibu f'Qalbi l-għajn u l-baħar tal-ħniena.

(7) L-erwieħ berdin irabbu l-ħerqa.

(8) L-erwieħ tajbin fi żmien qasir jaslu fi qdusija kbira.

(9) Il-barka tiegħi tinżel ukoll fuq id-dar fejn tkun meqjuma u murija x-xbiha ta' Qalbi.

(10) Lill-qassisin nagħtihom il-grazzja li jqanqlu l-qlub l-aktar iebsin.

(11) In-nies li jxerrdu din id-devozzjoni jkollhom isimhom miktub f'qalbi u ma jitħassar qatt.

(12) Jiena nwiegħdek fil-ħniena bla qies tal-Qalb Tiegħi li l-imħabba Tiegħi li tista' kollox tagħti l-grazzja tal-indiema tal-aħħar lil dawk kollha li jitqarbnu fl-ewwel Ġimgħa tax-xahar għal disa' xhur wara xulxin. Huma ma jmutux imbegħdin Minni u lanqas bla Sagramenti u Qalbi tkun rahan li ma jiġix nieqes għalihom f'dik l-aħħar siegħa.

**QALB TA' ĠESÙ GĦANJA MA' DAWK KOLLHA LI JSEJĦULEK.**

Miġbur minn Carmen Gatt

# FORMAZZJONI TAGĦNA U TA' ULIEDNA

## It-Tmiem ta’ Sena u L-Bidu ta’ Oħra

Bla ma rridu meta tintemm sena u tibda oħra kollha kemm aħna, inħarsu lura lejn is-sena li tkun spiċċat u niftakru f’dawk l-affarijiet pożittivi li nkunu għaddejna minnhom, kif ukoll f’dawk il-ħwejjeġ inqas sbieħ li tkun offrietlilna l-ħajja. Meta l-miżien ixaqleb aktar lejn in-negattiv, malajr naslu għall-konklużjoni li kienet sena ‘ħażina’, fil-waqt li meta ma nħossux li l-ħajja ħaqritna, nikkonkludu li ma kinetx sena ‘ħażina’.

Umbagħad ġieli jkun hemm dawk is-snin li donnhom la tista’ tiddeskrivihom bħala tajbin u lanqas ħżiena. Ma jkun ġralna xejn speċjali fihom imma lanqas ma jkunu ġrawlna xi disgrazzji kbar. Meta tħares lura donnu tara li kien hemm ħafna rutina, ġurnata wara l-oħra u li lanqas taf kif tgerbet is-sena.

Naħseb li meta nħossuna hekk tajjeb li nirriflettu ftit aktar dwar dak li nkunu għaddejna minnu. Forsi tant inkunu mħabbtin għaddejjin minn ħaġa għall-oħra li lanqas inkunu rrealizzajna kif l-esperjenzi u l-persuni li ltqajna magħhom u qattajna ħin magħhom affettwawna. Jista’ jkun illi relazzjoni li aħna nkunu bnejna ma xi ħadd, jew esperjenza li nkunu għaddejna minna, tkun reġgħet qajmet fina sens ta’ spiritwalita’, jew sens ta’ apprezzament lejn il-ħajja. Jista’ jkun li persuna li nkunu ltqajna magħha tkun ispiratna bil-kuraġġ tagħha jew bl-enerġija tagħha. Jista’ jkun li tkun xi ħaġa personali bħal meta xi ħadd waqaf miegħek f’mument diffiċli. Hu x’inhu tajjeb li fit-tmiem tas-sena nirringrazzjaw lil Alla ta’ dawn il-persuni u ta’ dawn l-esperjenzi u nuru l-apprezzament tagħna lejn dawn il-persuni nfushom.

Tajjeb ukoll illi naħsbu dwar kif aħna affettwajna lill-ħaddieħor; x’impatt kellna fuq il-ħajja ta’ ħaddieħor. Għalkemm tista’ tkun sfida, huwa mportanti wkoll illi ma naħsbux biss dwar dawk is-sitwazzjonijiet fejn affettwajna lill-oħrajn b’mod pożittiv. Għandna wkoll insibu l-kuraġġ sabiex nirriflettu dwar dawk id-drabi meta l-kliem żejjed tagħna weġġa’ lil ħaddieħor; dwar meta wasalna għall-konklużjonijiet malajr u aġġixxejna b’mod impulsiv u wara ma stajniex insewwu l-ħsara li konna għamilna. Għandna naħsbu dwar meta ġġudikajna lill-oħrajn u dwar meta konna egoisti u ħsibna fina nfusna biss. F’dawn is-sitwazzjonijiet tajjeb illi naħsbu dwar x’nistgħu nagħmlu matul din is-sena l-ġdida sabiex ma nerġgħux nagħmlu l-istess żbalji tas-sena ta’ qabel, speċjalment fir-relazzjonijiet

tagħna ma' l-oħrajn. Inżommu f'moħħna illi aħna għandna responsabilta' li nitgħallmu mill-iżbalji tagħna u li nħarsu 'l quddiem u nimpenjaw ruħna sabiex inkomlu niżviluppaw fuq livell emozzjonali u soċjali. M'għandniex nikkuntentaw b'dak li jgħaddi imma għandna nkomplu naħdmu sabiex insaħħu l-karattru u l-personalita' tagħna u nsiru persuni aħjar.

Dan l-atteġjament huwa mportanti mhux biss għalina iżda anki għax aħna rridu nkunu mudell għal uliedna. Meta uliedna josservawna għandhom jirċievu l-messaġġ li mhux kollox jgħaddi, li għandhom dejjem jaħdmu biex itejbu lilhom infushom u jsiru bnedmin li lesti jaħsbu, li lesti jirriflettu, li lesti jilqgħu l-isfida li jammettu li żbaljaw, iżda lesti jimpenjaw irwieħhom biex ma jirrepetux l-iżball...fi kliem ieħor li jkunu żgħażagħ, u 'l quddiem adulti ta' sinsla, li ma jibżgħux ikunu bnedmin ta' prinċipju, li lesti jkomplu jiżviluppaw permezz tar-riflessjoni u r-relazzjonijiet tagħhom mal-oħrajn.

Daniella Zerafa

## MAGĦMUDIJIET MATUL IS-SENA 2011

| | |
|---|---|
| Keira Sammut | 22-01-2011 |
| Kayisha Eve Mallia | 10-02-2011 |
| Victoria Mallia | 19-02-2011 |
| Joseph Mifsud | 06-02-2011 |
| Ġagħel Grech | 23-07-2011 |
| Nathan Camilleri | 06-08-2011 |
| Miguel Gauċi | 06-08-2011 |
| Sven Sciberras | 20-08-2011 |
| Elena Galea | 16-10-2011 |
| Jodie Ann Gauċi | 01-10-2011 |
| Nathan Sammut | 29-10-2011 |
| Alexia D'Emanuele | 11-12-2011 |
| Kay Camilleri | 17-12-2011 |

## ŻWIĠIJIET MATUL IS-SENA 2011

Roderick Gauċi ma' Ġorġina Gauċi - 28-05-2011

Edmund Grech ma' Ritienne Cascun - 28-06-2011

Mario Caruana ma' Claudia DeBono - 06-08-2011

Gordon Camilleri ma' Doralie Grech - 17-09-2011

Keith Gauċi ma' Denise Attard - 30-10-2011

## INGĦAQDU MAL-MULEJ GĦAL DEJJEM 2011

Mary Żarb 18-03-2011 - 71 sena

Andrew Azzopardi 28-03-2011 - 71 sena

Valentino Leonardi Gaerty 30-07-2011 (Tarbija)

Carmel Sciberras 02-12-2011 - 65 sena

# Tajjeb Tkun Taf

- Il-koppji għarajjes li ser jiżżewġu fi żmien sentejn huma mħeġġin biex jibbukkjaw kors ta' tħejjija għaż-żwieġ nisrani, (jiġifieri l-Kors ta' Kana) kmieni kemm jista' jkun. L-għarajjes jistgħu jsibu d-dettalji tal-korsijiet fin-notice boards tal-Knisja jew fil-website tal-Moviment ta' Kana www.canamovement.org

- Prosit lil Kulħadd tal-Festi tal-Milied u tal-Ewwel tas-Sena li ċċelebrajna flimkien bħala Parroċċa.

- Grazzi lil kulħadd, b'mod speċjali tal-preżenza tagħkom f'Jum il-Pussess tiegħi bħala Kappillan.

- Grazzi li kull min ta sehemu fil-Parrroċċa, fil-Kunvent u fiċ-Ċentru Parrokkjali, matul il-Festi tan-Novena, il-Milied u tal-Ewwel tas-Sena.



## IL-LEĠJUN TA' MARIJA

L-iskop tal-Leġjun ta' Marija huwa l-Glorja t'Alla, permezz tal-qdusija tal-membri tiegħu. Din tissaħħaħ bit-talb u l-koperazzjoni attiva, taħt it-tmexxija tal-Knisja. Mal-ħidma ta' Marija u tal-Knisja li jisħqu ras is-serp u jġibu l-quddiem is-Saltna ta' Kristu. Il-lajċi jaħdmu magħqudin flimkien bħal korp organiku wieħed, biex juru aħjar il-komunita' tal-Knisja u biex l-appostolat jagħti aktar frott. Il-Leġjunarji għandhom ikunu Sagrifiċċju ħaj, qaddis, jogħġob lil Alla, u ma jimxux max-xejra ta' din id-dinja. Jekk inti interessat/a li tkun membru fil-Leġjun ta' Marija, ejja kull nhar ta' Tlieta fid-9.00am fiċ-Ċentru Parrokkjali. Id-Direttur Spiritwali ta' dan il-Praesidium 'Qalb bla Tebgħa ta' Marija' huwa l-Kappillan.

**IL-KOMUNITA' TAL-PATRIJIET**
**FLIMKIEN MAL-KUNSILL PARROKKJALI U**
**L-KUMMISSJONIJIET TAL-PARROĊĊA,**
**JAWGURAW IS-SENA T-TAJBA**
**LILL-FAMILJI KOLLHA TAL-PARROĊĊA.**